KLR 49/VII/2017

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 27 ta' Jannar 2017 fis-19.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri u il-membri Joe Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membru Anthony Briffa.

**1. Talba**

Intqalet it-talba.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

**3. Monti**

Il-membri qablu il:-

3.1 l-kaxxi tal-monti jinżebħu fil-Pjazza Savina mill-aktar fis. Dawn il-marki jsiru b'tali mod li meta jkunu lesti l-marki tal-*istainless steel* iż-żebgħa titgħatta kompletamnet;

3.2 għandhom isiru wkoll it-tabelli li jindikaw il-ħinijiet fejn ikun riservat għall-*area* tal-monti. Il-ħinijiet għandhom isiru wara li jintalab lill-Avukat tindika skont l-Avviż Legali kif għandhom ikunu eżatt;

3.3 l-Minisetru għal Għawdex għandu jiġi nfurmat li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk il-bejjiegħa tal-ħut jiġu rilokati fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus* dmenjt li ma jittieħdux parkeġġi eżistenti;

3.4 is-Sindku jikkuntatja lil Manuel u Joanne Cassar li għandhom il-kaxxi 29 u 30 biex il-Kunsill ikun jaf jekk dawn jaċċettawx li l-kaxxi tagħhom jinbidu mal-kaxxi 14 u 15 ta' Rarymond u Ġeorġina Mizzi.

## 4. Playing Field

Is-Sindku għarraf li membri preżenti li hu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma rappreżentanti tal-Eco-Gozo rigward il-fond li eco-gozo għadda lill-Kunsill fuq il-proġett tal-*playing field.* Il-Perti DTR li kienu qed jieħdu ħsieb il-proġett intallbu jiċċertifikaw ix-xogħol li sar b'dawn il-fondi.

## 5. Estmi 2017

Il-membri approvaw l-baġit għas-sena 2017 skont kif anness f'dokument A.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Jannar u Frar 2017 skont dokumnet B u Ċ annessi.

## 7. Immaniġjar tat-traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet il-permess għall-:-

7.1 *road hump* fi Triq Wied Sara;

7.2 *un/loading bay* qudiem 'Jimmy Fresh Fruit'

7.3 *one metre double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'True Blue', Triq Ċetta Mintoff;

7.4 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' għal sitt xhur quddiem ir-residenza ta' George Caruana, 83 Triq Enriko Mizzi.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għal-

7.5 *double yellow line* biswit il-garaxx ta' 'Farrugia Bros.' fi Triq Fortuanto Mizzi;

7.6 *un/loading bay* quddiem 'Solar Engineering' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier;

7.7 *un/loading bay* quddiem' Cassar Pet & Hobby Shop' fi Triq Gedrin;

7.8 *traffic managment* aħjar fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace qrib il-Konservatorju tal-Isqof;

7.9 *traffic management* aħjar fl-*area* ta' Qasam San Ġorġ, Triq Kerċem u Triq il-Wied;

7.10 parkeġġ riservat għaċ-Ċentru Rgħaj it-Tajjeb fl-*area* tan-nofs fejn hemm il-parkeġġi fi Triq il-31 ta' Marzu.

7.11 Il-Viċi Sindku qal li attenda għall-laqgħa li saret fl-uffiċċju ta' TM li għaliha kien hemm rappreżentat ukoll il-Kunsill ta' Kerċem. Din rigward il-problema li qed tinħoloq minħabba l-*coaches* li jniżżlu t-turisti fl-*area* ta' Qasam San Ġorġ u Triq Kerċem. Wara din il-laqgħa ġie propost li l-*coaches* m'għandhomx jitħallew jieqfu fi Triq Kerċem u minflok għandhom jidħlu fi Pjazza Savina wieħed wieħed u dan taħt is-superviżjoni kontinwa tal-uffiċċjali ta' TM li jkunu jigwidaw it-traffiku. Wara diskussjoni qasira l-membri qablu li din il-porposta għandha tiġi pruvata minn TM.

## 8. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

8.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali (DLG) fejn bagħat kjarifika għal ċirkulari 20/2016 rigward sejħiet għall-offerti/kuntratti dwar manutenzjoni tad-dawl tat-toroq;

8.2 l-Awtorita' u r-Riżorsi rigward ilment li qed jitħallew bowżers fi Triq Mattia Preti u anke' ħasil ta' *mobile toilets* barra fit-triq. Il-kunsill ma jaqbilx li għandu jkun hemm dawn l-inkonvenjenzi fit-toroq residenzjali u ma jsibx oġġezzjoni li l-Pulizija tagħmel l-infurzar meħtieġ;

8.3 il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' fejn għarfet lill-kunsill b'ilment li fi Triq Mattia Preti qed ikun hemm dgħajsa fi *drive-in* li tibqa' ħierġa l-barra b'tali mod li tostakola l-bankina. Il-kunsill ġie mgħarraf ukoll li sar rapport lill-Pulizija;

8.4 Nicoline Sagona għan-nom ta' *Heritage Malta Gozo Area Office*, rigward il-Mużew t'Għawdex' li fih ser tkun inkorporata l-arkeoloġija, l-arti, l-istorja naturali u l-folklor. Qed jintalab sabiex issir diskussjoni fil-lokalita' fuq dan is-suġġett. Il-Kunsill intalab sabiex jaħtar persuni li huma ntiżi fuq l-għarfien tal-lokalita' sabiex jassistu f'din id-diskussjoni. Il-membri qablu li l-kunsill jaħtar lill-Revd. Dr Joseph Beżżinna u lin-Nutar Paul G. Pisani;

8.5 Joebert Galea li aċċetta li jkun maħtur bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv skont ċirkulari nru. 16/2016. Id-DLG ser jiġi nfurmat b'dan;

8.6 il-Perit Angelo Portelli li kiteb għan-nom ta' Romon Said li għandu kafetterija fi Triq is-Suq. Talab sabiex il-Kunsill jirrevedi l-pjanta tat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet ta' Pjazza San Ġorġ sabiex fiha tiġi nkorporata parti minn Triq San Ġużepp biex il-ħnaut ta' Said, 'Tepie's Coffee Bar', ikun jista' jitlob permess għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet. Il-membri qablu li l-Perit Scerri, li ppjanta l-*area* ta' l-imwejjed u siġġijiet ta' Pjazza San Ġorġ għandu jara din il-materja sabiex finalment tiġi approvata mill-kunsill;

8.7 is-Segretarju tas-Soċ. Fil. Leone fejn talab li billi din is-sena jmiss is-Soċ. Fil. La Stella tagħżel hi l-ewwel id-data ta' meta tagħmel 'Rock Astra', qed jitlob li jekk m'hemmx diffikulta, 'Leone Goes Pop' issir is-Sibt 27 ta' Mejju 2017;

8.8 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jipproponu li kunsilli li għandhom l-*playing fields* jidħlu fi ftehim b'kundizjonijiet vantaġġjużi dwar il-manteniment tagħhom. Il-kunsill għandu jivverifika jekk din togħddx għall-kunsilli Għawdxin.

8.9 Tressqu diversi miżuri fuq fondi Ewropej għall-proġetti. Il-membri qablu li kunsillieri li jixtiequ jissuġġerixxu proġetti għandhom ikunu il-*Project Leader* fuq il-proġett partikolari u jkunu responsabbli tal-proġett għal l-għaxar snin ta' wara.

8.10 Tressqu dettalji dwar l-iskema rrestarwa darek. Aktar dettalji għanhdom jinħarġu mid-DLG.

**9. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

9.1 jinħareġ permess sabiex Ramon Caruana li joqgħod 64, Triq San Ġorġ ikun jista' jipparkja l-vetturi tiegħu għal ftit minuti sakemm iniżżel lill-missieru li hu anzjan;

9.2 titranġa bankina li tinsab fi Triq Ġużè' Labre' kantuniera ma Triq Santa Martha quddiem il-ħanut 'Flamingo';

9.3 titranġa bankina quddiem il-ħanut 'O Hair' li jinsab fi Triq Karolina Cauchi;

9.4 jitranġaw l-*bricks* li qed jinqalgħu u l-kurduni li jitkissru mill-vetturi fi Pjazza Savina u fi Triq Sir Adrian Dingli.

9.5 isir il-*patching* neċessarju fi Triq Sir Arturo Mercieca u fi Triq Sir Luiġi Camilleri;

9.6 jiġu mistiedna l-Arċiprieti l-ġodda tż-żewġ parroċċi sabiex jiltqgħu mal-membri tal-kunsill fl-uffiċċju amministarattiv;

9.7 jiġi propost li jsir forma ta' *railing* fil-kantuniera ta' Triq Sant Ursola ma Triq il-Kastell peress li l-bankina hi kemmxejn wieqfa u perikoluża għall-pedonali. Għandu jiġi suġġerit li r-*railing* ikun pariġġ tat-Telgħa tal-Belt;

9.8 jerġa' jinbeda l-komunikat mal-Comune ta' Nichelino sabiex jiġi rijattivat il-ġemellaġġ.

9.9 Tressqu l-porposti tal-immaniġjar tal-iskart riċiklabbli mingħand Green Mt u GreenPak. Il-membri qablu li rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu mistiedna sabiex jitkellmu mal-kunsill fejn jiġi spjegat aħjar dawn x'qed joffru.

9.10 Waqt il-laqgħa tal-lokalita' li saret il-Ġimgħa 13 ta' Jannar 2017 tressaq ilment rigward il-pompa tal-petrol ta' Pjazza Savina fejn is-sid qed jitlob lill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA), it-tiġdid tal-permess li għandu fuq din il-pompa tal-petrol. Il-membri qablu li l-kunsill għandu jerġa joġġezjona għal din it-talba. Sadanittant il-kunsill irċieva kopja ta' petizzjoni li saret mir-residenti tal-akwati li oġġezzjonaw għall-ħruġ ta' dan il-permess.

9.11 Waqt l-istess laqgħa tal-lokalita' tressq ilment mingħand Pio Borġ fejn qal li minn meta sar il-proġett fi Pjazza Savina qed jidħol l-ilma fil-ħanut tiegħu. Sar appuntamnet miegħu fejn kien hemm il-Perit u l-kuntrattur. Irriżulta li l-*manholes* li għamel il-Kunsill ma kienx hemm ilma fihom. Waqt is-*site visit* Borġ stess [ibed l-attemnzjoni li *manhole* kibra tal-GO li hemm propju qrib il-kantuniera tal-ħanut tiegħu tkun dejjem bl-ilma u sikwit jirrapporta biex ibattluha. Din il-*manhole* kienet hemm qabel sar il-proġett. X'ħin fetħuha rriżulta li kellha ilma ċar fiha. Il-perit isuġġerielu li jer[a' jirrapporta għand l-Go sabiex jimlewha bl-ilma u jara jekk dan jinfexx fil-ħanut tiegħu.

9.12 Il-kunsill daħħal €10,000 mid-Dipartiment għal Gvern lokali li jkopru ħtiġijiet speċjali bħala belt kif imħabbar f'ċirkulari 43/2016.

*Dawl tat-Toroq*

Il-membri qablu li:-

9.13 r-residenti ta' Triq Karolina Cauchi u parti minn Triq Santa Dminka jiġu nfurmti li mhux qed jiġi aċċettat minn sidien sabiex il-bozza, id-*demarcation box* u l-*wiring* jeħlu mal-propjeta' tagħhom. Jekk issir fuq arblu xorta jrid jitpoġġa l-*wiring* mal-faċċata ta' fejn ikun hemm l-arblu. Ir-residenti għandhom ikunu jafu li din hi r-raġuni għalfejn għad ma saritx il-bozza. Jekk imbgħad hemm minn jaċċetta li din teħel mad-dar tiegħu għandu jgħarraf lill-Kunisll;

9.15 l-*floodlight* li hemm fuq ir-rampa tal-kappella/Ċentru Rgħaj it-Tajjeb tinbidel għall-bozza ġdida tad-dawl tat-toroq. Il-*floodlight* diġa' tixgħel mad-dawl tat-triq;

9.16 ssir bozza ġdida fuq arblu fi Triq Ġużè' Micallef;

9.17 ssir bozza ġdida fi Triq Santa Dminka qrib 'Dar Manresa';

9.18 ssir bozza ġdida fi Triq il-Mitħna faċċata tal-mitħna.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 14 ta' Frar 2017 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |